MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ (Għawdex)

ID-DISA' LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 30/2026-9

L-Erbgħa, 24 ta' Ġunju 2026

Il-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq il-Knisja, fil-4.00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur Baskal Saliba – Sindku
Is-Sur Daniel Cordina – Viċi Sindku
Dr Marlene Cini – Kunsilliera

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):

Is-Sur Mario Portelli – Kunsillier
Is-Sur Nicky Saliba – Kunsillier

UFFIĊĊJAL PREŻENTI:

Is-Sna Odette Camilleri - Segretarju Eżekuttiv

Minuti

Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku Baskal Saliba.

30.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

30.1.1 Is-Sindku nforma lil membri li l-Kunsilliera Mario Portelli u Nicky Saliba bgħatu l-ittri ta' apoloġija.

30.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

30.2.1 Billi l-minuti tal-laqgħa nru. 29/2026-9 ġew ċirkulati minn qabel dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

30.2.2 Is-Sindku talab għal xi korrezzjonijiet li seta' kien hemm mill-minuti.

30.2.3 Il-Kunsilliera Dott Marlene Cini talbet biex issir korrezzjoni f'minuta numru 29.3.1 u tiżdied li hi ma tistax tattendi Sqallija. Il-minuti ġew ikkoreġuti u għalhekk ġew approvati u ffirmati.

30.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

30.3.1 Is-Sindku propona u l-membri qablu li bħas-sena l-oħra jerġgħu jiġu organizzati l-Iljieli Żebbuġin fiż-Żebbuġ kull nhar ta' Ġimgħa matul is-Sajf.

30.3.2 Is-Sindku propona u l-membri qablu li tiġi organizzata dawra bit-train għal-anzjani.

30.3.3 Is-Sindku propona u l-membri qablu li jibda jsir bħal ma jagħmlu Kunsilli oħra, cioe jingħata l-*crazy paving* lil residenti li għandhom il-bankina mkissra u x-xogħol isir mir-resident stess b'hekk il-bankini jkunu kollha konformi u simetrija.

30.3.4 Is-Sindku nforma lil membri li hemm bżonn jinħatar bord t'evalwazzjoni għall-offerti peress li hemm żewġ offerti li jridu jiġu evalwati. Il-membri qablu li jinħatru, Michelle M Vella bħala Chairman, bħala membri Daniel Galea, Joebert Galea u Ingineer Jeffrey Muscat. Segretarju Odette Camilleri.

30.3.5 Is-Sindku nforma lil membri li kellmuh xi residenti rigward il-permess tal-PA għas-solar farm fuq il-għolja ta' Kuljat. Il-membri qablu li l-Kunsill għandu jidħol bħala parti interessata.

30.3.6 Is-Sindku nforma lil membri li waslet talba mingħand il-Happy Parenting sabiex il-Kunsill jieħu sehem fl-attivita' li ser tkun qed tittella'. Il-membri qablu li jinxtraw sitt biljetti għal din l-attivita'.

30.3.7 Is-Sindku nforma lil membri illi instab tabib sabiex jiftaħ il-klinika darba fil-ġimgħa fiċ-ċentru komunitarju li għandu l-Kunsill f'Marsalforn. Dan qed imur kull nhar ta' Erbgħa. Għaldaqstant il-Kunsill ser ikun qed joffri servizz ta' tabib tlett darbiet fil-ġimgħa.

30.4 Komunikazzjoni mill-Kunsilliera

30.4.1 *Komunikazzjoni mill-Viċi Sindku, Daniel Cordina*

30.4.1.1 Il-Viċi Sindku propona u l-membri qablu li jintalab il-permess ta' Transport Malta sabiex fil-bidu ta' Triq Santa Marija fejn id-disabled parking bay isir parkeġġ riservat għal muturi.

30.4.1.2 Talab sabiex jiġu nstallati l-*pelican lights* għaz-zebra crossing biswit it-taraġ fi Triq Santa Marija. Il-membri qablu li dan ix-xogħol isir minn S. Sultana.

30.4.1.3 Il-Viċi Sindku nforma lil membri li l-Għaqda tan-Nar talbu sabiex jagħmlu ħames toqbiet fi Pjazza l-Assunta u li dawn jiswew €75-il waħda. Il-membri qablu li dawn għandhom isiru mill-Kunsill.

30.4.1.4 Informa lil membri illi inġabret kwotazzjoni għal installazzjoni tal-ħabel ta' l-iswimming zone għal Bajja ta' Taħt ix-Xifer. Dan ser ikun qed jiġi installat u jinqala wara s-Sajf mill-Għaqda tan-Nar għal prezz ta' €1,500.

30.4.1.5 Propona u l-membri qablu sabiex l-Għaqda tan-Nar bħal kull sena jaqtgħu l-buzbiez li jkun ħiereġ fit-triq fi Triq l-Imgħallem għal prezz ta' €500.

30.4.1.6 Propona u l-membri qablu sabiex issir Gozo LC Works sabiex jinqata' l-qasab li ħiereġ għat-triq fejn il-Wied tas-Salve Regina fi Triq l-Imgħallem.

30.4.1.7 Talab sabiex tintbgħat tfakkira lil John's Aluminium sabiex isir ir-railing ta' l-istanless steel fuq iċ-ċint tal-Bajja tax-Xwejni. Is-Sindku nfurmah li dan għandu jeħel dik il-ġimgħa stess.

30.4.1.8 Propona u l-membri qablu sabiex teħel mera tat-traffiku faċċata ta' Triq Barda.

30.4.1.9 Propona u l-membri qablu sabiex jinbidlu l-fanali ta' Triq ix-Xwejni fejn is-Seagulls. Dan ix-xogħol għandu jinbeda' wara s-Sajf.

30.4.2 *Komunikazzjoni mill-Kunsilliera Dott. Marlene Cini*

30.4.2.1 Il-Kunsilliera Dott Cini proponiet u l-membri qablu sabiex jinkera *generator* għal ġimgħa tal-Festa f'kaz li jmur id-dawl.

30.4.2.2 Talbet sabiex titwaħħal *bollard* fi Triq is-Sajjied fejn il-parkeġġ tal-Maġistrat peress li qed jiġi ostakolat il-passaġġ bil-karozzi. Il-membri qablu.

30.4.2.3 Talbet sabiex jinbidlu l-*bollards* ta' fejn Ġnien il-Wied u tinbidel it-tappiera. Il-membri qablu.

30.4.2.4 Staqsiet jekk jistax isir xi ħaġa minħabba l-papri. Is-Sindku nfurmha illi l-Kunsill ġie miżmum mill-Health Department sabiex ma jitfax aktar ilma fil-wied ta' Marsalforn minħabba l-papri.

30.4.2.5 Proponiet sabiex isiru t-tabelli tan-*no parking* fi Triq il-Knisja faċċata tal-Kunsill. Qablu minflok sabiex jitwal id-double yellow line.

30.4.2.6 Proponiet u l-membri qablu sabiex is-siġar tal-Qbajjar Promenade jiġu mizbura. Għandu jittieħed il-parir fuq dan tas-Sur Joseph Bonello.

30.4.2.7 Infurmat lil membri illi l-moll li żdied fil-Bajja tax-Xwejni ġie tajjeb ħafna u għalhekk proponiet li jiżdied sellum ieħor. Il-membri qablu.

30.4.2.8 Proponiet u l-membri qablu li jsiru t-toqob għal armar fir-raħal.

30.5 Proġett LOOPZONE ta' Interreg Euro-Med

Is-Sindku nforma lil membri preżenti illi l-offerta ZBLC_LOOPZONE 01 – *Tender for a Project Manager for the Zebbug Local Council (Gozo, Malta) in connection with Interreg Euro-Med Project: LOOPZONE,* ġiet appellata. Is-smigħ tagħha quddiem il-*Public Contracts Review Board* ser ikun nhar il-Ħamis, 23 ta' Lulju 2026. Kompla jgħid illi minħabba dan l-appell li jista' jieħu madwar tlett xhur jew iktar, il-Kunsill mhux ser ikun qed ilaħħaq mad-*deadlines* li għandu u hemm ċans li jintilfu xi fondi. Għaldaqstant il-membri qablu illi l-Kunsill jinforma lil *lead partner* illi ser ikun qed jirtira mill-parteċipazzjoni tiegħu mill-Proġett LOOPZONE ta' l-Interreg Euro-Med.

30.6 Festa Santa Marija Assunta – Zebbuġ

Il-membri qablu li jidlu b'kollaborazzjoni mal-Għaqdiet tar-raħal u l-Parroċċa sabiex jittellew attivitajiet matul il-ġimgħa tal-festa tar-raħal.

Għaqda	Attivita'	Kollaborazzjoni €
Armar	Armar fil-ġimgħa tal-Festa	2,500
Parroċċa	Attivitajiet Reliġjuzi	3,000
Parroċċa	Festa Tfal	900
Banda	Kunċert fil-Pjazza	2,500
Kor	Kunċert fil-Knisja	1,000
Zagħzagħ	Briju u Feature	2,500
Nar	Attivita' fil-pjazza u permessi meħtieġa	6,000
Zebbuġ Rovers	Attivita' fil-pjazza	2,500

Qablu li għandha ssir laqgħa ma' l-Għaqdiet sabiex isir it-*traffic management* meħtieġ fil-ġimgħa tal-festa, kif ukoll jinkera' *generator* kif ġie propost aktar kmieni mill-Kunsilliera, Dott Marlene Cini għal l-istess ġimgħa.

30.7 Materji Oħra

30.7.1 Il-membri tal-Kunsill ġew infurmati illi l-Kunsill ser ikun qed jingħata €10,000 mill-fondi tal-Kultura fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex u dan wara li ġiet issottomessa l-applikazzjoni. Is-Sindku nforma lil membri preżenti li t-tiġrija taz-zwiemel ser tkun qed tiġi organizzata bħas-sena l-oħra fi Triq l-Imgħallem nhar il-Ħadd, 16 t'Awwissu 2026 fil-għodu kmieni u bħala organizzatur ser ikun qed jiġi nkarigat John Cefai. Qablu li l-istess Cefai ikun responsabbli wkoll mill-kitba taz-zwiemel u il-loġistika u jkun il-punt ta' kuntatt mas-sidien taz-zwiemel u anke mill-premijiet.

30.7.2 Ġew infurmati li nxtraw erba' bankijiet għal Triq is-Sagħtrija peress li hemm għandhom bżonn jinbidlu. Il-membri qablu li ssir bankina għal taħthom. Qablu wkoll sabiex jinkesa l-ħajt tul Triq is-Sagħtrija u ssir applikazzjoni għal fondi tal-Awtorita' ta' l-Ippjanar sabiex jiġi installat PVC railing u fanali.

30.7.3 Ilment M03/26 – talba sabiex jiġu nstallati CCTVs fejn il-*breakwater* għax hemm in-nies qed jkunu bil-klieb u jħallu l-ħmieġ tal-klieb bla ma jinġabar. Il-membri qablu li jiġu nstallati minflok tabelli.

30.7.4 Il-Kunsill irċieva emejl mir-Reġjun Għawdex sabiex il-Kunsill iżomm għal nofs ta' nhar 10 t'itfal mill-Ukrajna bejn it-30 t'Awwissu u 6 ta' Settembru fejn il-Kunsill jorganizza ftit attivitajiet u joħodhom jieklu. Il-membri qablu li jospitaw bħal ma kien jagħmel fis-snin preċedenti.

30.7.5 Talba sabiex tinbidel għax tkissret it-tabella informattiva tal-Heritage Trail ta' fejn il-Batterija tal-Qolla l-Bajda. Is-Sindku nforma lil membri li din ġiet ordnata u f'Lulju għandha ssir laqgħa ma Din l-Art Ħelwa rigward il-Batterija.

30.7.6 Proposta mingħand B. Gatt sabiex Triq Wied l-Infern speċjalment fil-kisra l-perikolua isiru tabelli li jindikaw li ġejja *blind corner* u ssir one-way. Il-membri ma qablux li ssir one-way però qablu li jsiru strixxi fl-art biex titnaqqas il-veloċita' u ssir it-tabella.

30.7.7 Talba mill-Project Manager Luke Said ta' Din l-Art Ħelwa sabiex tiġi nstallata CCTV camera ma arblu ta' l-Enemalta sabiex waqt li jkun qed isir ir-restawr l-area tiġi sorveljata. Barra minhekk biex teħel ma l-arblu tad-dawl, il-Kunsill irid iħallas l-kera u jiġi nstallat arloġġ tad-dawl. Il-membri tal-Kunsill ma qablux ma dan.

30.7.8 Ilment mingħand H P Caruana rigward il-bankini fi Triq id-Duluri fejn qalet li ma humiex aċċessibbli sabiex tgħaddi bil-pushchair. Il-membri talbu li jintbgħatu r-

ritratti. Il-Viċi Sindku propona sabiex titrangà l-bankina imkissra quddiem il-Lantern Restaurant. Għandha ssir Gozo LC Works.

30.7.9 Ilment Z04/26 talba sabiex fi Triq Barda jitwaħħal Litter bin tal-klieb. Il-membri ma qablux peress li maġenbu jispiċċa *dumping site*.

30.7.10 Residenta fi Triq Għajn Mhelhel ilmentat illi fit-tarf tat-triq qabel tibda in-nizla qed jintefa' iz-zibel mill-ħajt il-ġewwa għal ġo l-egħlieqi. Il-membri qablu li għandhom jiġu nfurmati l-ERA.

30.7.11 Talba mill-Gozo Cycling Club sabiex il-Kunsill jagħti permess sabiex tingħalaq Triq Wied l-Infern, il-Ħadd 5 ta' Lulju 2026 sabiex issir it-Timetrail Race filgħodu. Ma kinx hemm qbil f'dan ir-rigward peress li bħalissa hemm Marsalforn magħluq.

30.7.12 J Bonett talab sabiex it-triq tal-Wied ta' Marsalforn tiġi two way għal vetturi zgħar biss. Il-membri ddikjaraw li din mhix deċiżjoni tagħhom iżda ta' Transport Malta.

30.7.13 Talba mill-AKL sabiex il-Kunsill jixgħel bil-blue il-binja tiegħu biex jitfakkar il-Jum Dinji kontra t-traffikar tal-persuni nhar it-30 ta' Lulju 2026. Il-membri qablu.

30.7.14 Talba mingħand A Saliba sabiex isir metru double yellow line ma ġenb tal-garaxx tagħha fi Triq Madonna taċ-Ċiċċri. Il-membri qablu.

30.7.15 Talba minn Nature Trust Malta sabiex jiġu nstallati 'hedgehog crossing' tul il-Wied ta' Marsalforn. Il-membri qablu.

30.7.16 Ilment mingħand C Zammit rigward it-taraġ li minn Triq Barda jagħti għal Triq il-Forn. Talab sabiex jingħalqu minn fuq il-bricks peress li qed jintrema' il-ħmieġ tal-klieb f'dawn it-toqob. Il-membri qablu li jsir ix-xogħol meħtieġ f'dan it-taraġ.

30.7.17 Talba mingħand P Martin sabiex jitwaħħlu tabelli 'no beach wear' tul il-front ta' Marsalforn. Peress li l-Kunsill kien diġà ħa deċiżjoni f'dan ir-rigward reġgħu qablu li dawn m'għandhomx jitwaħħlu u dan peress li ma hemm l-ebda liġi f'dan ir-rigward.

30.7.18 Talba mingħand J M Xiberras, student ta' l-Universita' fejn talab sabiex ipoġġi stand fil-viċinanzi tax-Xwejni Salt Pans sabiex jibda' jbiegħ il-melħ. Il-membri ma qablux peress li jkun qrib il-produtturi lokali.

30.7.19 Proposta mingħand S Ivanov sabiex il-Kunsill jikkunsidra li f'Marsalforn jkun hemm basketball court. Il-Kunsill ħa nota ta' din.

30.7.20 Inġabru kwotazzjonijiet biex titwitta' Triq Ta' Milied. Qablu li din għandha tingħata lil irħas wieħed għal prezz ta' €2,244.36.

30.7.21 Talba sabiex isir railing ta' l-istainless steel fit-telgħa ta' Triq ix-Xtut. Is-Sindku nforma lil membri li diġà ngħab il-permess sabiex ir-railing jitwaħħal ma' ħajt privat sabiex ma jostakolax it-traffiku. Il-membri qablu.

30.7.22 Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lil membri illi intbgħatet emejl lil Kunsill mid-District Operations fejn il-performance bonus tal-ħaddiema tal-CWS ser jiżdied minn 5% għal 10% u ser ikun qed jitħallas fuq żewġt installments.

30.7.23 Emejl mingħand R Brockdorff fejn informa lil Kunsill li qed isiru xogħlijiet f'għalqa fi Triq il-Knisja. Il-membri ġew infurmati li wara verifikazzjoni dan ix-xogħol qed isir bil-permessi meħtieġa mill-PA.

30.7.24 Talba għal reserved personalized parking bay tad-disabled fi Pjazza San Pawl. Il-membri qablu li din tintbgħat lil Transport Malta.

30.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti

Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 24/2026 għall-perjodu ta' Ġunju 2026 li tammonta għal €107,412.86c ġiet approvata mill-membri preżenti .

30.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fil-5.05 ta' filgħaxija. Id-data tas-seduta li jmiss ser issir nhar il-Erbgħa, 22 ta' Lulju 2026 fil-4.00 ta' filgħaxija.

Baskal Saliba
Sindku

Odette Camilleri
Seg. Eżekuttiv